**UNJONI EWROPEA**

**IL-PARLAMENT EWROPEW** **IL-KUNSILL**

**Brussell, 29 ta' April 2024**
**(OR. en)**

**2023/0138(COD)**
**LEX 2336**

**PE-CONS 51/1/24**
**REV 1**

**ECOFIN 221**
**UEM 38**
**CODEC 554**

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR IL-KOORDINAZZJONI EFFETTIVA TAL-POLITIKI EKONOMIĊI U DWAR IS-SORVELJANZA BAĠITARJA MULTILATERALI U LI JĦASSAR IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1466/97

**REGOLAMENT (UE) 2024/…**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tad-29 ta' April 2024**

**dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi**
**u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali**
**u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(6) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[2],

---

1 ĠU C 290, 18.8.2023, p. 17.
2 Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2024 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024.

Billi:

(1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni, kif previst mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), twassal għal konformità mal-prinċipji gwida ta' prezzijiet stabbli, finanzi pubbliċi u kundizzjonijiet monetarji sodi u bilanċi tal-pagamenti sostenibbli.

(2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, li inizjalment kien jikkonsisti mir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[3] u (KE) Nru 1467/97[4] u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 1997[5], huwa bbażat fuq l-objettiv ta' finanzi tal-gvern sodi u sostenibbli bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli u inklużiv b'saħħtu sostnut minn stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għal tkabbir u impjiegi sostenibbli.

(3) Il-qafas ta' governanza fiskali jifforma parti mis-Semestru Ewropew, li jinkludi wkoll il-koordinazzjoni u s-sorveljanza ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi usa' tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikoli 121 u 148 TFUE, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u r-rakkomandazzjonijiet relatati speċifiċi għall-pajjiżi.

---

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1).

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

5 Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir Amsterdam, 17 ta' Ġunju 1997 (ĠU C 236, 2.8.1997, p. 1).

(4) L-involviment tal-parlamenti nazzjonali, tas-sħab soċjali, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta’ partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fis-Semestru Ewropew huwa kruċjali biex jiġu żgurati s-sjieda nazzjonali tal-politiki ekonomiċi u fiskali kif ukoll it-tfassil ta’ politika trasparenti u inklużiv.

(5) Jenħtieġ li l-qafas ta’ governanza ekonomika tal-Unjoni jiġi adattat biex titqies aħjar l-eteroġeneità ikbar tal-pożizzjonijiet fiskali, id-dejn pubbliku u l-isfidi ekonomiċi, kif ukoll vulnerabbiltajiet oħra fl-Istati Membri. Ir-rispons politiku qawwi għall-pandemija tal-COVID-19 kien effettiv ħafna fil-mitigazzjoni tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżi kkawżata minn dik il-pandemija, iżda rriżulta f’żieda sinifikanti fil-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur pubbliku u privat, li jenfasizza l-importanza li l-proporzjonijiet tad-dejn u d-defiċits jitnaqqsu għal livelli prudenti b’mod gradwali, realistiku, sostnut u favorevoli għat-tkabbir li jiżgura l-flessibbiltà għal politiki kontroċikliċi u jindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi, filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa lill-objettivi tal-impjiegi u dawk soċjali. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-qafas ta’ governanza ekonomika tal-Unjoni jiġi adattat biex jgħin fl-indirizzar tal-isfidi fuq terminu medju u twil li għandha quddiemha l-Unjoni bħall-kisba ta’ tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ġusta, inkluż l-objettivi dwar il-klima stipulati fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], l-iżgurar tas-sigurtà tal-enerġija, l-appoġġ għal awtonomija strateġika miftuħa, l-indirizzar tat-tibdil demografiku, it-tisħiħ tar-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-konverġenza sostnuta, u l-implimentazzjoni tal-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, li kollha kemm huma jirrikjedu riformi u livelli għoljin sostnuti ta’ investiment fis-snin li ġejjin.

---

6 Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 (“il-Liġi Ewropea dwar il-Klima”) (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

(6) Jenħtieġ li l-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u għalhekk jiddifferenzja bejn l-Istati Membri billi jqis l-isfidi tagħhom ta' dejn pubbliku u l-isfidi ekonomiċi u billi jippermetti perkorsi fiskali pluriennali speċifiċi għall-pajjiżi, filwaqt li jiżgura sorveljanza multilaterali effettiva u jirrispetta l-prinċipju ta' trattament ugwali.

(7) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat livell adatt ta' investiment pubbliku sabiex jintlaħqu l-objettivi ewlenin tar-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika kif stabbiliti f'dan ir-Regolament kif ukoll biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet attwali u futuri tal-Unjoni. L-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji bħall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, li bħalissa jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], skont l-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094[10], jew skont l-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672[11], tista' sservi biex minnha jittieħdu tagħlimiet għal titjib fl-effikaċja u l-effiċjenza tal-investimenti u tal-politiki tal-impjieg, u għal kwalunkwe strument ta' investiment tal-Unjoni li jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni.

---

7 Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60*)*.

8 Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

9 Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

10 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23).

11 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1).

(8) Il-proċedura ta’ sorveljanza multilaterali stabbilita fl-Artikolu 121(2), (3) u (4) u fl-Artikolu 148(4) TFUE jenħtieġ li timmonitorja l-medda sħiħa ta’ żviluppi ekonomiċi u tal-impjiegi f’kull Stati Membru u fl-Unjoni kollha kemm hi. Dan jinkludi s-sejbien ta’ żbilanċi makroekonomiċi u l-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta’ żbilanċi eċċessivi stipulati fir-Regolamenti (UE) Nru 1174/2011[12] u (UE) Nru 1176/2011[13] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rispettivament. Għall-monitoraġġ ta’ dawk l-iżviluppi ekonomiċi u tal-impjiegi, jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw informazzjoni fil-forma ta’ pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju li jkopru perjodu ta’ erba’ jew ħames snin, skont it-tul regolari tal-leġiżlatura tal-Istat Membru kkonċernat. Bħala parti mill-analiżi integrata tagħha tal-iżviluppi soċjali u tal-impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni tivvaluta r-riskji għall-konverġenza soċjali ‘l fuq fl-Istati Membri u timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali abbażi tat-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali u tal-prinċipji tal-Qafas ta’ Konverġenza Soċjali.

---

12 Ir-Regolament (UE) Nru 1174/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Novembru 2011 dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 8).

13 Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-kontenut, il-preżentazzjoni, il-valutazzjoni, l-approvazzjoni u l-monitoraġġ ta' pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, sabiex jiġu promossi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri, u r-reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, inkluż dawk li jikkontribwixxu għall-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, u tiġi evitata l-okkorrenza ta' defiċits eċċessivi tal-gvern.

(10) Il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jenħtieġ li jiġbru flimkien il-politika fiskali, ir-riformi strutturali u l-investimenti ta' kull Stat Membru. Dawk il-pjanijiet jenħtieġ li jkunu l-pedament tal-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. Jenħtieġ li kull Stat Membru jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju li jagħti l-perkors fiskali tiegħu kif ukoll r-riformi u l-investimenti pubbliċi prijoritarji li flimkien jiżguraw tnaqqis sostnut u gradwali tad-dejn u tkabbir sostenibbli u inklużiv, filwaqt li tiġi evitata politika fiskali proċiklika. Jenħtieġ li dawk il-pjanijiet jinkludu wkoll riformi u investimenti usa', inkluż fir-rigward tal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, jiġifieri t-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050 f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119 u permezz tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima ppreżentati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14]; it-tranżizzjoni diġitali, inkluż il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]; ir-reżiljenza soċjali u ekonomika u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż il-miri relatati dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030; is-sigurtà tal-enerġija; u t-tisħiħ tal-mezzi ta' difiża fejn applikabbli, inkluż il-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża, jew atti sussegwenti tal-Unjoni rilevanti għal dawk il-prijoritajiet. Matul il-perjodu ta' operat tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16], jenħtieġ li jittieħed kont kif xieraq tal-impenji meqjusa fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza meta jitfasslu l-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju.

---

**14** Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

**15** Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

**16** Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

(11) Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma wkoll sinkronizzati mas-Semestru Ewropew. Bħala l-politika ta' investiment fit-tul tal-baġit tal-Unjoni, jenħtieġ li jitqiesu wkoll ir-riformi u l-investimenti taħt dawk il-fondi meta jitfasslu l-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u, fejn xieraq, il-komplementarjetà.

(12) Jenħtieġ li l-preżentazzjoni ta' pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tkun preċeduta minn djalogu tekniku mal-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jenħtieġ li tinkludi sommarju ta' dak id-djalogu tekniku. Jenħtieġ li, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill jadotta rakkomandazzjoni li tagħti l-perkors tan-nefqa netta u, kif xieraq, japprova r-riformi u l-investimenti li jirfdu l-estensjoni possibbli tal-perjodu ta' aġġustament.

(13) Sabiex jiġi ssimplifikat il-qafas fiskali tal-Unjoni u tiżdied it-trasparenza, jenħtieġ li indikatur operazzjonali uniku ankrat fis-sostenibbiltà tad-dejn jservi bħala bażi għall-istabbiliment tal-perkors fiskali u għat-twettiq ta' sorveljanza fiskali annwali għal kull Stat Membru. Dak l-indikatur operazzjonali uniku jenħtieġ li jkun ibbażat fuq in-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali, jiġifieri: in-nefqa netta tal-gvern min-nefqa f'imgħax, il-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, in-nefqa fuq il-programmi tal-Unjoni ffinanzjata bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni, in-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament tal-programmi ffinanzjati mill-Unjoni, kif ukoll l-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċju tal-qgħad. F'konformità mal-prinċipji gwida użati mill-Kummissjoni għall-klassifikazzjoni tat-tranżazzjonijiet bħala miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra, jenħtieġ li dawk il-miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra wkoll jiġu esklużi mill-indikatur tan-nefqa netta tal-gvern. Dak l-indikatur, li mhuwiex affettwat mill-operat tal-istabbilizzaturi awtomatiċi u fluttwazzjonijiet oħra fin-nefqa barra mill-kontroll dirett tal-gvern, jipprovdi flessibbiltà għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika kontroċiklika.

(14) Sabiex jiġi inkwadrat id-djalogu li jwassal għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tittrażmetti lill-Istati Membri b'dejn tal-gvern estiż li jaqbeż is-60 % tal-PDG jew b'defiċit tal-gvern li jaqbeż it-3 % tal-PDG, kif stipulat fl-Artikolu 126(2) TFUE flimkien mal-Protokoll (Nru 12) tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u TFUE (il-"Protokoll (Nru 12)"), trajettorja referenzjarja li tkopri perjodu ta' aġġustament ta' erba' snin bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' mhux aktar minn tliet snin. Jenħtieġ li dik it-trajettorja tkun ibbażata fuq ir-riskju, tkun speċifika għall-pajjiż u tkun ankrata fis-sostenibbiltà tad-dejn biex jiġi żgurat approċċ li jħares 'il quddiem li jkun adatt kemm għall-isfidi attwali kif ukoll dawk futuri.

(15) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru b'dejn tal-gvern li ma jaqbiżx is-60 % tal-PDG u b'defiċit tal-gvern li ma jaqbiżx it-3 % tal-PDG, tittrażmetti gwida fil-forma ta' informazzjoni teknika lil dak l-Istat Membru.

(16) Matul ix-xahar ta' qabel id-data ta' skadenza li sa fiha l-Kummissjoni għandha tittrażmetti trajettorja referenzjarja jew informazzjoni teknika lil Stat Membru, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jkollu l-possibbiltà li jitlob skambju tekniku mal-Kummissjoni. Jenħtieġ li dak l-iskambju tekniku jipprovdi opportunità biex tiġi diskussa l-aħħar informazzjoni statistika disponibbli u l-prospetti ekonomiċi u fiskali tal-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-Istati Membri.

(17) Il-qafas multilaterali ta' sorveljanza baġitarja tal-Unjoni huwa bbażat fuq *data* statistika pprovduta mill-Eurostat, li huwa responsabbli, f'isem il-Kummissjoni, li jiżgura l-kwalità tad-*data* fiskali miġbura f'konformità mas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Nazzjonali u Reġjonali. L-Eurostat għandu jistabbilixxi qafas għar-rappurtar mill-Istati Membri ta' *data* statistika dwar il-kofinanzjament nazzjonali ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u li bħalissa mhumiex miġbura mill-Eurostat. Sakemm jiġi stabbilit il-qafas għall-ġbir u l-forniment ta' tali *data*, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jiddependu fuq l-istimi. Il-format, l-ambitu, il-frekwenza u meta tingħata tali *data* mill-Istati Membri għandhom jiġu ddeterminati mill-korpi tal-istatistika rilevanti tal-Unjoni.

(18) Jenħtieġ li t-trajettorja referenzjarja tiżgura li, sa tmiem il-perjodu ta' aġġustament, id-dejn tal-gvern estiż ikun fuq trajettorja 'l isfel plawżibbli jew jibqa' f'livelli prudenti, anki f'xenarji negattivi. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiżgura li d-defiċit tal-gvern estiż jinġieb u jinżamm taħt it-3 % tal-PDG, filwaqt li jitqies il-fatt li l-Istati Membri jistgħu jiffaċċaw kostijiet addizzjonali wara tmiem il-perjodu ta' aġġustament, pereżempju kostijiet marbuta mat-tixjiħ demografiku. Fl-aħħar nett, jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza mal-perkors korrettiv skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97.

(19) Sabiex titjieb il-prevedibbiltà fl-eżitu tal-qafas multilaterali tas-sorveljanza baġitarja tal-Unjoni u jissaħħaħ it-trattament ugwali bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li t-trajettorja referenzjarja tikkonforma ex ante ma' salvagwardja tas-sostenibbiltà tad-dejn. Jenħtieġ li dik is-salvagwardja tiżgura fil-fażi tat-tfassil tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju li l-proporzjon tad-dejn tal-gvern ipprojettat jonqos b'medja annwali minima. Din taġixxi bħala rekwiżit minimu għall-isforz sottostanti għat-trajettorja referenzjarja u l-perkors tan-nefqa netta. Minħabba l-kompożizzjoni speċifika tad-dejn pendenti tal-gvern tal-Greċja, ammont sinifikanti ta' pagamenti tal-imgħax differiti huwa mistenni li jsir dovut fl-2033. Għalhekk jenħtieġ li ż-żieda eċċezzjonali relatata fil-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż imqabbel mal-PDG tal-Greċja ma titqiesx fl-applikazzjoni tas-salvagwardja tas-sostenibbiltà tad-dejn.

(20) Ir-rekwiżiti bbażati fuq ir-riskju għat-trajettorja referenzjarja mistennija li jkunu biżżejjed biex iġibu l-livelli tad-defiċit tal-gvern sew taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG. Madankollu, sabiex il-qafas multilaterali tas-sorveljanza baġitarja jsir aktar robust minħabba żviluppi inċerti fil-valuri varjabbli makrofiskali, jenħtieġ li t-trajettorja referenzjarja tipprevedi wkoll marġni komuni ta' reżiljenza fir-rigward tal-valur referenzjarju għad-defiċit imsemmi fl-Artikolu 126(2) TFUE flimkien mal-Protokoll (Nru 12) jew il-konverġenza lejn dak il-valur referenzjarju għad-defiċit. Jenħtieġ li dik is-salvagwardja komuni tar-reżiljenza tiżgura l-akkumulazzjoni ta' buffers fiskali għal ċirkostanzi avversi u skossi, u b'hekk tiffaċilita t-twettiq ta' politiki kontroċikliċi fil-qafas fiskali tal-Unjoni.

(21) Għall-ewwel pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, jenħtieġ li l-plawżibbiltà li d-dejn tal-gvern jonqos fuq terminu medju tkun ibbażata fuq il-metodoloġija deskritta fil-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn 2023 tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li grupp ta' ħidma għall-analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn jesplora titjib metodoloġiku possibbli, inkluż dwar suppożizzjonijiet sottostanti. Dak il-grupp ta' ħidma jenħtieġ li jkun magħmul minn esperti mill-Istati Membri, mill-Kummissjoni u mill-Bank Ċentrali Ewropew. Jenħtieġ li rappreżentanti tal-Bord Fiskali Ewropew u tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà jiġu mistiedna minn dak il-grupp ta' ħidma bħala osservaturi. Jenħtieġ li l-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jkun jista' jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-metodoloġija tagħha fil-kuntest tad-djalogu stabbilit b'dan ir-Regolament.

(22) Sabiex jiġi vvalutat jekk humiex meħtieġa aġġustamenti ulterjuri fi tmiem il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' erba' jew ħames snin tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni mill-ġdid u tressaq trajettorja referenzjarja ġdida jekk id-dejn tal-gvern tal-Istat Membru jkun għadu ogħla minn 60 % tal-PDG previst fit-Trattat jew jekk id-defiċit tal-gvern ikun ogħla minn 3 % tal-PDG.

(23) Jenħtieġ li kull pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jsemmi l-istatus tiegħu fil-kuntest tal-proċeduri nazzjonali, b'mod partikolari jekk il-pjan ġiex ippreżentat lill-parlament nazzjonali u jekk kienx approvat mill-parlament nazzjonali. Jenħtieġ li l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jindika wkoll jekk il-parlament nazzjonali kellux l-opportunità li jiddiskuti r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-pjan preċedenti u, fejn rilevanti, kwalunkwe rakkomandazzjoni jew deċiżjoni oħra tal-Kunsill, jew kwalunkwe twissija mill-Kummissjoni. Jekk tkun disponibbli, jenħtieġ li l-opinjoni tal-istituzzjoni fiskali indipendenti stabbilita skont id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE[17] tinhemeż mal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju preżentat lill-Kummissjoni. Qabel il-preżentazzjoni tat-tieni pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju u dak sussegwenti, jenħtieġ li kull Stat Membru jwettaq, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tiegħu, proċess ta' konsultazzjoni tas-sħab soċjali, tal-awtoritajiet reġjonali, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ta' partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-konsultazzjoni tal-parlamenti nazzjonali u dwar il-proċess ta' konsultazzjoni tiġi inkluża fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju. Minħabba l-iskeda aktar stretta prevista għat-tħejjija tal-ewwel pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu konsultazzjoni fit-tħejjija għaliha bi skadenzi xierqa.

---

[17] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE tat-8 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 41).

(24) Fil-każ ta’ gvern li jkun għadu kif inħatar, Stat Membru jenħtieġ li jkollu l-possibbiltà li jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut lill-Kummissjoni. Jekk ikun hemm ċirkostanzi oġġettivi li jipprevjenu l-implimentazzjoni ta’ pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, jenħtieġ li Stat Membru jkollu l-possibbiltà li jippreżenta pjan rivedut lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel tmiem il-pjan attwali.

(25) Meta l-Istati Membri jużaw suppożizzjonijiet fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tagħhom li jvarjaw mill-qafas għall-projezzjoni fuq terminu medju tad-dejn tal-gvern, jenħtieġ li jispjegaw u jiġġustifikaw id-differenzi b’mod trasparenti u abbażi ta’ argumenti ekonomiċi sodi fid-djalogu tekniku u fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tagħhom.

(26) Meta l-Kunsill iqis li l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut ta’ Stat Membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kunsill jirrakkomanda, bħala regola, it-trajettorja referenzjarja oriġinali li kienet ġiet trażmessa qabel mill-Kummissjoni bħala l-perkors tan-nefqa netta.

(27) Sabiex tkun tista’ ssir interazzjoni xierqa bejn il-qafas komuni tal-Unjoni u l-oqfsa baġitarji nazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-Istati Membri mal-perkorsi rispettivi tagħhom dwar in-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill biss fuq l-iżviluppi tan-nefqa netta. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu l-objettivi baġitarji nazzjonali tagħhom f’termini ta’ indikatur differenti, bħall-bilanċ strutturali jekk dan ikun meħtieġ mill-qafas baġitarju nazzjonali tagħhom.

(28) Jenħtieġ li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju teżamina b'mod partikolari l-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet makroekonomiċi u fiskali, sal-punt li dawn jitbiegħdu minn dawk sottostanti għat-trajettorja referenzjarja. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-projezzjonijiet tad-dejn b'politika mhux mibdula li għandhom jiġu inklużi fil-pjan ikunu komparabbli mal-projezzjonijiet tal-Kummissjoni.

(29) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Kunsill jimmonitorjaw ir-riformi u l-investimenti inklużi f'dawk il-pjanijiet skont is-Semestru Ewropew, abbażi tar-rapporti ta' progress annwali ppreżentati mill-Istati Membri, u f'konformità mal-Artikoli 121 u 148 TFUE. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jidħlu fi djalogu ekonomiku mal-Parlament Ewropew.

(30) Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew ikun involut b'mod regolari u strutturat fis-Semestru Ewropew sabiex jiżdiedu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u s-sjieda tad-deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Jenħtieġ li l-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni jinfurmaw regolarment lill-Parlament Ewropew bir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali skont dan ir-Regolament. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-kuntest ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li titħejja u tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Kunsill, u jenħtieġ li tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew mingħajr dewmien żejjed.

(31) Sabiex jiġi żgurat tnaqqis aktar gradwali tad-dejn, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'massimu ta' tliet snin jekk l-Istat Membru jirfed il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tiegħu b'sett ta' riformi u investimenti verifikabbli u marbuta biż-żmien li, meħuda flimkien, bħala regola ġenerali, isaħħu t-tkabbir u r-reżiljenza; jappoġġaw is-sostenibbiltà fiskali; jindirizzaw il-prijoritajiet komuni tal-Unjoni; jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi fl-ambitu tas-Semestru Ewropew, inkluż, fejn japplika, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku, kif ukoll il-prijoritajiet ta' investiment speċifiċi għall-pajjiż, mingħajr ma jwasslu għal tnaqqis fil-livell ta' investiment pubbliku ffinanzjat f'livell nazzjonali matul il-perjodu tal-pjan, meta mqabbel mal-livell fuq terminu medju qabel il-bidu tal-pjan, b'kont meħud tal-firxa u tal-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiżi.

(32) Jenħtieġ li s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament ikun konsistenti mal-impenji inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza approvat tal-Istat Membru kkonċernat matul il-perjodu ta' operat tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Ftehim ta' Sħubija maqbul fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Fejn il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludu riformi u investimenti ambizzjużi, b'mod partikolari fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju, jenħtieġ li dawn jitqiesu li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għall-ewwel pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju.

(33) Jenħtieġ li s-sett ta’ riformi u investimenti li jinsabu fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jkun allinjat mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni, li jinkludi: il-kisba ta’ tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, fosthom il-konsistenza mal-objettivi dwar il-klima stipulati fir-Regolament (UE) 2021/1119; ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; is-sigurtà tal-enerġija; u fejn meħtieġ, it-tisħiħ tal-mezzi ta’ difiża. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lil dawk il-prijoritajiet fil-valutazzjoni tagħha tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju. Jenħtieġ li dak is-sett ta’ riformi u investimenti jkun konsistenti wkoll mal-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali ddeterminati mill-Istat Membru kkonċernat biex jindirizza dawk il-prijoritajiet tal-Unjoni.

(34) Bil-ħsieb li jitrawmu strateġiji ta’ konsolidazzjoni fiskali li jiffavorixxu t-tkabbir, jenħtieġ li l-impatt tar-riformi u tal-investimenti, ladarba jiġu implimentati skont il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, jitqies kif xieraq fit-tfassil tal-pjanijiet sussegwenti. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-impatt fuq is-sostenibbiltà fiskali permezz tad-dħul, in-nefqa u t-tkabbir potenzjali pubbliċi futuri, kif ukoll il-kontribut għal prijoritajiet komuni tal-Unjoni, abbażi ta’ evidenza ekonomika soda u mmexxija mid-*data*.

(35) Meta Stat Membru jonqos milli jikkonforma b’mod sodisfaċenti mas-sett ta’ riformi u investimenti marbut biż-żmien li jirfdu l-perkors tan-nefqa netta aktar gradwali kif stabbilit mill-Kunsill sal-iskadenza speċifikata, jenħtieġ li l-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, ikun jista’ jirrakkomanda li titnaqqas l-estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament, jiġifieri li jiżdied l-isforz ta’ aġġustament annwali, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi oġġettivi li jipprevjenu l-implimentazzjoni sal-iskadenza prevista fil-bidu.

(36) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi kont ta' kontroll għal kull Stat Membru biex tirreġistra d-devjazzjonijiet annwali u kumulattivi 'l fuq u 'l isfel tan-nefqa netta osservata mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill. Jenħtieġ li l-kont ta' kontroll ma jirreġistrax devjazzjonijiet sakemm jibqgħu attivati klawżoli liberatorji. F'konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, meta tħejji r-rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis bħala fatturi rilevanti l-progress fl-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti, inkluż, b'mod partikolari, il-politiki għall-implimentazzjoni tal-istrateġija komuni tat-tkabbir u l-impjiegi tal-Unjoni, u tagħti kunsiderazzjoni partikolari lill-kontribuzzjonijiet finanzjarji biex jinkisbu l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

(37) L-istituzzjonijiet fiskali indipendenti wrew il-kapaċità tagħhom li jrawmu d-dixxiplina fiskali u li jsaħħu l-kredibbiltà tal-finanzi pubbliċi tal-Istati Membri. Sabiex tissaħħaħ is-sjieda nazzjonali, jenħtieġ li r-rwol konsultattiv tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti jinżamm fil-qafas tal-governanza ekonomika riformat tal-Unjoni, bil-ħsieb li gradwalment jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom.

(38) Jenħtieġ li Bord Fiskali Ewropew permanenti u aktar indipendenti jaqdi rwol konsultattiv aktar prominenti fil-qafas tal-governanza ekonomika tal-Unjoni. Jenħtieġ li jkompli jevalwa l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, jivvaluta l-pożizzjoni fiskali prospettiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi, u jipprovdi pariri lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, filwaqt li jirrispetta r-rwol u l-prerogattivi tal-Kummissjoni stabbiliti f'TUE u fi TFUE. Jenħtieġ li jsir aktar indipendenti u jkollu aċċess aħjar għall-informazzjoni. Jenħtieġ li l-Kunsill u l-Parlament Ewropew jiġu kkonsultati fil-proċess tal-ħatra tal-President tiegħu u tal-Membri tal-Bord. Jenħtieġ li dawk il-ħatriet, kemm jista' jkun, jiżguraw bilanċ xieraq ġeografiku u bejn il-ġeneri.

(39) Jenħtieġ li meta l-Kummissjoni tagħti opinjoni dwar l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji ppreżentati skont ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18], hija tivvaluta jekk l-abbozzi tal-pjanijiet baġitarji jkunux konsistenti mal-perkorsi tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill skont dan ir-Regolament.

---

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 11).

(40) Fil-każ ta' skossi kbar għaż-żona tal-euro jew għall-Unjoni kollha kemm hi, jeħtieġ li jkun hemm klawżola liberatorja ġenerali li tkun tista' tindirizza reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi billi tippermetti devjazzjoni mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill, dment li tali devjazzjoni ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju. L-iskattar u l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali għandhom ikunu soġġetti għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsill jenħtieġ li jagħmel ħiltu biex jadottaha fi żmien erba' ġimgħat wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Bord Fiskali Ewropew jagħti opinjoni dwar l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali.

(41) Minbarra l-klawżola liberatorja ġenerali, jenħtieġ li jkun hemm klawżola liberatorja speċifika għal pajjiż biex tippermetti devjazzjoni mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill meta ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal avvenimenti eżoġeni imprevedibbli li huma barra mill-kontroll tal-Istat Membru, li jkollhom impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru u li jirrikjedu miżuri fiskali kontroċikliċi, dment li tali devjazzjoni ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju. L-iskattar u l-estensjoni tal-klawżoli liberatorji speċifiċi għal pajjiż għandhom ikunu soġġetti għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsill jenħtieġ li jagħmel ħiltu biex jadottahom fi żmien erba' ġimgħat wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, b'kont meħud tat-talba mill-Istat Membru kkonċernat li skatta jew estenda l-klawżola liberatorja speċifika għall-pajjiż.

(42) Dan ir-Regolament huwa parti minn pakkett flimkien mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/…[19+] u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024/…[20++].Dawn it-tliet atti leġiżlattivi flimkien (minn hawn 'il quddiem imsejħa lkoll bħala r-"riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika") jirriformaw il-qafas ta' governanza ekonomika tal-Unjoni, li jinkorpora fil-liġi tal-Unjoni s-sustanza tat-Titolu III (Patt Fiskali) tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja[21] tat-2 ta' Marzu 2012 (it-"TSKG"), f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dak it-Trattat. Billi jibni fuq l-esperjenza tal-implimentazzjoni tat-TSKG mill-Istati Membri, ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika żżomm l-orjentazzjoni fuq terminu medju tal-Patt Fiskali bħala għodda biex jinkisbu d-dixxiplina baġitarja u l-promozzjoni tat-tkabbir. Ir-riforma tal-qafas ta' governanza ekonomika jinkludi dimensjoni speċifika għall-pajjiż imsaħħa mmirata lejn it-tisħiħ tas-sjieda nazzjonali, inkluż billi jinżamm ir-rwol konsultattiv tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti, li essenzjalment jibbaża fuq il-prinċipji komuni tal-Patt Fiskali dwar il-mekkaniżmi nazzjonali ta' korrezzjoni fiskali proposti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2012 f'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TSKG. L-analiżi tan-nefqa, netta mill-miżuri ta' dħul diskrezzjonali, għall-valutazzjoni ġenerali tal-konformità meħtieġa mill-Patt Fiskali hija ppreżentata f'dan ir-Regolament.

---

19 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2024/… ta' … li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L, …, ELI: …).

\+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument ST 6919/24 [fergħa korrettiva] u imla d-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

20 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2024 … ta' … li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (ĠU L, …, ELI: …).

++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU tad-Direttiva li tinsab fid-dokument ST 6920/24 u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

21 https://www.consilium.europa.eu/media/20398/st00tscg26-mt-12.pdf.

Bħal fil-Patt Fiskali, devjazzjonijiet temporanji mill-pjan fuq terminu medju huma permessi biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali f'konformità ma' dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet dwar il-kont ta' kontroll. B'mod simili għall-Patt Fiskali, f'każ ta' devjazzjonijiet sinifikanti mill-pjan fuq terminu medju, jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri biex jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet fuq perjodu definit. Ir-riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika ssaħħaħ is-sorveljanza fiskali u l-proċeduri tal-infurzar biex jitwettaq l-impenn tal-promozzjoni ta' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli u tkabbir sostenibbli u inklużiv. B'hekk, ir-riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika żżomm l-objettivi fundamentali tad-dixxiplina baġitarja u s-sostenibbiltà tad-dejn kif jinsabu fil-Patt Fiskali.

(43) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni effettiva u monitoraġġ xieraq ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida f'waqtha, wara li titlob opinjoni mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri fil-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tagħhom u fir-rapporti ta' progress annwali tagħhom. Jenħtieġ li dik il-gwida issir pubblika.

(44) Jenħtieġ li s-sorveljanza multilaterali tkun ibbażata fuq statistika ta' kwalità għolja u indipendenti prodotta f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22].

[22] Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

(45) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament biex jiżguraw il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, għal raġunijiet ta' skala jew tal-effett tal-koordinazzjoni u s-sorveljanza, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi,

(46) Fid-dawl tal-iskadenza eżistenti skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu I
# Suġġett u definizzjonijiet

*Artikolu 1*

*Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni effettiva ta' politiki ekonomiċi sodi tal-Istati Membri, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-objettivi tal-Unjoni għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv u l-impjiegi.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kontenut, il-preżentazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju bħala parti mis-sorveljanza baġitarja multilaterali mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, sabiex jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir inklużiv u sostenibbli u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, u jipprevjeni defiċits eċċessivi tal-gvern.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż" tfisser il-gwida annwali indirizzata mill-Kunsill lil Stat Membru dwar il-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u strutturali f'konformità mal-Artikoli 121 u 148 TFUE;

(2) “nefqa netta” tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni, min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta’ programmi ffinanzjati mill-Unjoni, mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u minn miżuri ta’ darba u miżuri temporanji oħra;

(3) “trajettorja referenzjarja” tfisser it-trajettorja tan-nefqa netta pluriennali trażmessa mill-Kummissjoni biex tinkwadra d-djalogu mal-Istati Membri fejn id-dejn tal-gvern jaqbeż is-60 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jew fejn id-defiċit tal-gvern jaqbeż it-3 % tal-PDG meta jfasslu l-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali tagħhom fuq terminu medju;

(4) “informazzjoni teknika” tfisser il-gwida trażmessa mill-Kummissjoni, fuq talba, lill-Istati Membri b’dejn tal-gvern li ma jaqbiżx is-60 % tal-PDG u b’defiċit tal-gvern li ma jaqbiżx it-3 % tal-PDG qabel ma l-Istati Membri jfasslu l-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali tagħhom fuq terminu medju;

(5) “perkors tan-nefqa netta” tfisser it-trajettorja pluriennali għan-nefqa netta ta’ Stat Membru;

(6) “pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju” tfisser id-dokument li fih l-impenji fiskali, ta’ riforma u ta’ investiment ta’ Stat Membru, li jkopri perjodu ta’ erba’ jew ħames snin skont it-tul regolari tal-leġiżlatura ta’ dak l-Istat Membru;

(7) “rapport ta’ progress annwali” tfisser ir-rapport ta’ Stat Membru dwar l-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tiegħu, inkluż il-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill, u dwar ir-riformi u l-investimenti;

(8) “perjodu ta’ aġġustament” tfisser il-perjodu li matulu jseħħ l-aġġustament fiskali ta’ Stat Membru, li jkopri perjodu ta’ erba’ snin jew, fil-każ ta’ estensjoni, perjodu ta’ erba’ snin flimkien ma’ perjodu estiż addizzjonali ta’ mhux aktar minn tliet snin;

(9) “kont ta’ kontroll” tfisser reġistru tad-devjazzjonijiet ‘il fuq u ‘l isfel akkumulati tan-nefqa netta osservata fi Stat Membru mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill;

(10) “bilanċ strutturali” tfisser il-bilanċ tal-gvern estiż aġġustat ċiklikament, nett minn miżuri ta’ darba u oħrajn temporanji;

(11) “bilanċ primarju strutturali” tfisser il-bilanċ strutturali, nett min-nefqa fuq l-imgħax.

# Kapitolu II
# Semestru Ewropew

*Artikolu 3*

*Is-Semestru Ewropew*

1. Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u konverġenza sostnuta tal-prestazzjoni ekonomika u soċjali tal-Istati Membri, il-Kunsill u l-Kummissjoni, bl-involviment tal-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament, għandhom iwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stabbiliti fi TFUE.

2. Is-sorveljanza multilaterali għandha tistrieħ fuq statistika ta' kwalità għolja u indipendenti, prodotta f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 223/2009.

3. Is-Semestru Ewropew għandu jinkludi:

   (a) il-formulazzjoni, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 121(2) TFUE, tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u tar-rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro;

(b) il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni, tal-linji gwida dwar l-impjiegi li jridu jitqiesu mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 148(2) TFUE, inkluż il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u tar-rakkomandazzjonijiet relatati speċifiċi għall-pajjiż. Is-sorveljanza tal-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tinkludi l-progress fl-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tal-miri ewlenin tiegħu, permezz tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali u qafas biex jiġu identifikati r-riskji għall-konverġenza soċjali;

(c) il-preżentazzjoni, il-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Istati Membri, kif ukoll il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom permezz tar-rapporti ta' progress annwali;

(d) is-sorveljanza sabiex tipprevjeni u tikkoreġi l-iżbilanċi makroekonomiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

*Artikolu 4*

*Implimentazzjoni tas-Semestru Ewropew*

1. Meta jkun meħtieġ, wara valutazzjoni skont dan ir-Regolament tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, tar-rapporti ta' progress annwali u tas-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Istati Membri, il-Kunsill għandu, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri li jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti legali previsti fl-Artikoli 121 u 148 TFUE u l-leġiżlazzjoni sekondarja relatata.

2. L-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq il-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tagħhom u tar-rakkomandazzjonijiet u tal-linji gwida dwar l-impjiegi, kif imsemmi fl-Artikolu 3(3), il-punti (a) u (b), rispettivament, qabel ma jieħdu deċiżjonijiet importanti fl-iżvilupp tal-politiki ekonomiċi, soċjali, dwar l-impjiegi, strutturali u baġitarji tagħhom. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ tal-progress.

3. In-nuqqas ta' Stat Membru li jieħu azzjoni abbażi tal-linji gwida u tar-rakkomandazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 2 jista' jwassal għal:

(a) aktar rakkomandazzjonijiet;

(b) twissijiet tal-Kummissjoni jew rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 121(4) TFUE;

(c) miżuri skont dan ir-Regolament, ir-Regolament (KE) Nru 1467/97 jew ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

# Kapitolu III

# It-trajettorja referenzjarja

*Artikolu 5*

*Trajettorja referenzjarja*

Fejn id-dejn tal-gvern estiż jaqbeż is-60 % tal-PDG jew id-defiċit tal-gvern estiż jaqbeż it-3 % tal-PDG, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju trajettorja referenzjarja għan-nefqa netta li tkopri perjodu ta' aġġustament ta' erba' snin u l-estensjoni possibbli tiegħu ta' mhux aktar minn tliet snin skont l-Artikolu 14.

*Artikolu 6*

*Rekwiżiti bbażati fuq ir-riskju għat-trajettorja referenzjarja*

It-trajettorja referenzjarja għandha tkun ibbażata fuq ir-riskju u differenzjata għal kull Stat Membru, biex tiżgura li:

(a) sa tmiem il-perjodu ta' aġġustament, bil-preżunzjoni li ma hemmx miżuri baġitarji ulterjuri, il-proporzjon projettat tad-dejn tal-gvern estiż jitqiegħed jew jibqa' fuq perkors plawżibbli 'l isfel, jew jibqa' f'livelli prudenti taħt is-60 % tal-PDG fuq terminu medju;

(b) id-defiċit projettat tal-gvern estiż jinġieb taħt it-3 % tal-PDG matul il-perjodu ta' aġġustament u jinżamm taħt tali valur referenzjarju fuq terminu medju bil-preżunzjoni li ma hemmx miżuri baġitarji ulterjuri;

(c) l-isforz ta' aġġustament fiskali matul il-perjodu tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju huwa lineari bħala regola u mill-inqas proporzjonali għall-isforz totali matul il-perjodu ta' aġġustament kollu; u

(d) ikun hemm konsistenza mal-perkors korrettiv imsemmi fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, fejn applikabbli.

*Artikolu 7*

*Salvagwardja tas-sostenibbiltà tad-dejn*

1. It-trajettorja referenzjarja għandha tiżgura li l-proporzjon projettat tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG jonqos b'ammont medju annwali minimu ta':

   (a) punt perċentwali tal-PDG sakemm il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG jaqbeż id-90 %;

   (b) 0,5 punti perċentwali tal-PDG sakemm il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG jibqa' bejn 60 % u 90 %.

2. It-tnaqqis medju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi kkomputat mis-sena ta' qabel il-bidu tat-trajettorja referenzjarja jew is-sena li fiha l-proċedura ta' defiċit eċċessiv tkun pprojettata li tiġi abrogata skont ir-Regolament (KE) Nru 1467/97, skont liema tiġi l-aħħar, sa tmiem il-perjodu ta' aġġustament.

*Artikolu 8*

*Salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit*

1. It-trajettorja referenzjarja għandha tiżgura li l-aġġustament fiskali jkompli, fejn meħtieġ, sakemm l-Istat Membru kkonċernat jilħaq livell ta' defiċit li jipprovdi marġni ta' reżiljenza komuni f'termini strutturali ta' 1,5 % tal-PDG relattiv għall-valur referenzjarju tad-defiċit ta' 3 % tal-PDG.

2. It-titjib annwali fil-bilanċ primarju strutturali biex jinkiseb il-marġni meħtieġ għandu jkun ta' 0,4 punti perċentwali tal-PDG, li għandu jitnaqqas għal 0,25 punti perċentwali tal-PDG f'każ ta' estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament imsemmi fl-Artikolu 14.

*Artikolu 9*

*Gwida minn qabel mill-Kummissjoni*

1. Sal-15 ta' Jannar tas-sena li fiha l-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tagħhom skont l-Artikolu 11 jew, fi żmien tliet ġimgħat mit-talba tal-Istat Membru biex jippreżentaw pjan rivedut skont l-Artikolu 15, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju:

   (a) il-qafas u r-riżultati sottostanti tal-projezzjoni tad-dejn pubbliku fuq terminu medju;

(b) il-previżjoni u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi tagħha;

(c) it-trajettorja referenzjarja, jekk meħtieġa skont l-Artikolu 5, jew l-informazzjoni teknika, jekk mitluba minn Stat Membru skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u l-bilanċ strutturali primarju korrispondenti, inkluż spreadsheets mudell u informazzjoni rilevanti oħra meħtieġa biex tiġi żgurata r-replikabbiltà sħiħa tagħha.

2. Matul ix-xahar ta' qabel l-iskadenza li sa fiha l-Kummissjoni għandha tittrażmetti lil Stat Membru l-gwida prijoritarja kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru jista' jitlob skambju tekniku mal-Kummissjoni. Skambju tekniku bħal dan għandu jipprovdi opportunità biex tiġi diskussa l-aħħar informazzjoni statistika disponibbli u l-prospetti ekonomiċi u fiskali tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Għall-Istati Membri li għandhom defiċit tal-gvern estiż li ma jaqbiżx it-3 % tal-PDG u d-dejn tal-gvern estiż li ma jaqbiżx is-60 % tal-PDG, il-Kummissjoni għandha tipprovdi, fuq talba tal-Istat Membru, informazzjoni teknika dwar il-bilanċ primarju strutturali meħtieġ biex jiġi żgurat li d-defiċit nominali jinżamm taħt it-3 % tal-PDG bil-preżunzjoni li ma hemmx miżuri politiċi addizzjonali fuq terminu medju u twil u tindika jekk dak jimplikax ħtiġijiet ta' aġġustament fiskali. Tali informazzjoni teknika għandha tkun konsistenti wkoll mas-salvagwardja tar-reżiljenza tad-defiċit imsemmija fl-Artikolu 8.

*Artikolu 10*

*Valutazzjoni tal-plawżibbiltà*

1. Sabiex tivvaluta l-plawżibbiltà ta' jekk il-proporzjon projettat tad-dejn tal-gvern estiż ta' Stat Membru jkunx fuq perkors ta' tnaqqis jew baqax f'livell prudenti, il-Kummissjoni għandha tapplika metodoloġija replikabbli, prevedibbli u trasparenti bbażata fuq il-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) il-proporzjon tad-dejn tal-gvern jonqos jew jibqa' f'livelli prudenti, skont ix-xenarji deterministiċi tal-qafas tal-projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni;

   (b) ir-riskju tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ma jonqosx fil-ħames snin wara l-perjodu ta' aġġustament tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jkun baxx biżżejjed, li l-valutazzjoni tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-Analiżi tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni.

2. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-metodoloġija tagħha fil-kuntest tad-djalogu ekonomiku msemmi fl-Artikolu 28.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-analiżi tagħha tal-plawżibbiltà u l-ispreadsheets mudell li jkun fihom *data* sottostanti kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra biex tiġi żgurata r-replikabbiltà tar-riżultati fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju skont l-Artikolu 11.

# Kapitolu IV
# Pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju

*Artikolu 11*

*Preżentazzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju*

1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju sat-30 ta' April tal-aħħar sena tal-pjan fis-seħħ. Stat Membru u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu, fejn ikun meħtieġ, li jestendu dik l-iskadenza b'perjodu raġonevoli.

2. Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti toħroġ opinjoni dwar it-tbassir makroekonomiku u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi li jirfdu l-perkors tan-nefqa netta, filwaqt li jipprovdi biżżejjed żmien biex l-istituzzjoni fiskali indipendenti tħejji l-opinjoni tagħha.

   Minn ... [tmien snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti rilevanti għandhom joħorġu dawk l-opinjonijiet, dment li jkunu akkumulaw biżżejjed kapaċità. In-nuqqas minn istituzzjoni fiskali indipendenti li toħroġ l-opinjoni tagħha fi żmien raġonevoli ma għandux jipprevjeni lil Stat Membru milli jippreżenta l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu fuq terminu medju. Jekk tkun disponibbli, l-opinjoni tal-istituzzjoni fiskali indipendenti għandha tinhemeż mal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju preżentat lill-Kummissjoni.

3. Qabel il-preżentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu fuq terminu medju, kull Stat Membru għandu jikkonsulta, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tiegħu, mas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, l-awtoritajiet reġjonali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

4. Qabel il-preżentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu fuq terminu medju, kull Stat Membru jista' jiddibatti l-abbozz tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu fuq terminu medju mal-parlament nazzjonali tiegħu, f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tiegħu.

5. Kull Stat Membru għandu jippubblika l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu fuq terminu medju mal-preżentazzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

*Artikolu 12*

*Djalogu tekniku*

Qabel il-preżentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali tiegħu fuq terminu medju, kull Stat Membru għandu jkollu djalogu tekniku mal-Kummissjoni, bl-objettiv li jiżgura li l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jikkonforma mal-Artikoli 13 u 15.

*Artikolu 13*

*Rekwiżiti għall-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju*

Il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandu*:*

(a) ikun fih perkors tan-nefqa netta kif ukoll is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi sottostanti u l-miżuri fiskali-strutturali ppjanati sabiex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti fiskali tal-Artikolu 16(2) u (3);

(b) jinkludi t-trajettorja referenzjarja jew l-informazzjoni teknika li tintbagħat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 9(3), rispettivament; meta l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jinkludi perkors ta' nefqa netta ogħla milli fit-trajettorja referenzjarja maħruġa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 5, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi fil-pjan tiegħu argumenti ekonomiċi sodi u mmexxija mid-*data* li jispjegaw id-differenza;

(c) jispjega kif l-Istat Membru kkonċernat ser jiżgura t-twettiq ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u jispjega kif dak l-Istat Membru ser jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni li ġejjin:

(i) tranżizzjoni ekoloġika u diġitali ġusta, inkluż l-objettivi dwar il-klima stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119;

(ii) reżiljenza soċjali u ekonomika, inkluż il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

(iii) sigurtà tal-enerġija; u

(iv) u fejn meħtieġ, tisħiħ tal-mezzi ta' difiża;

(d) jiddeskrivi l-azzjoni tal-Istat Membru kkonċernat biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lilu, li huma rilevanti għall-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011, u, fejn applikabbli, it-twissijiet mill-Kummissjoni jew ir-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill magħmula skont l-Artikolu 121(4) TFUE;

(e) jekk applikabbli, jispjega kif l-Istat Membru kkonċernat ser jiżgura t-twettiq ta' sett rilevanti ta' riformi u investimenti msemmija fl-Artikolu 14, filwaqt li jirfed estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament tal-Istat Membru ta' mhux aktar minn tliet snin;

(f) jinkludi l-impatt tar-riformi u l-investimenti diġà implimentati mill-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jagħti attenzjoni partikolari lill-impatt fuq is-sostenibbiltà fiskali permezz tad-dħul tal-gvern, in-nefqa u t-tkabbir potenzjali futuri, abbażi ta' evidenza ekonomika soda u mmexxija mid-*data*;

(g) ikun fih informazzjoni dwar:

(i) is-suppożizzjonijiet makroekonomiċi u baġitarji ewlenin,

(ii) obbligazzjonijiet impliċiti u kontinġenti,

(iii) l-impatt mistenni tar-riformi u l-investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament,

(iv) il-livell previst ta' investiment pubbliku ffinanzjat nazzjonalment matul il-perjodu kopert mill-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju,

(v) il-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku inkluż dawk relatati mal-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fil-punt (c) ta' dan l-Artikolu,

(vi) il-konsultazzjoni tal-parlamenti nazzjonali u l-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 11,

(vii) il-konsistenza u, fejn xieraq, il-komplementarjetà mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni kif ukoll il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istat Membru kkonċernat matul il-perjodu ta' operat tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont ir-Regolament (UE) 2021/241.

*Artikolu 14*

*Kriterji għall-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament*

1. Meta Stat Membru jimpenja ruħu għal sett rilevanti ta' riformi u investimenti f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, il-perjodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż b'mhux aktar minn tliet snin.

2. Is-sett ta' riformi u impenji ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandu jissodisfa, bħala regola ġenerali meħuda flimkien, il-kriterji li ġejjin:

(a) jinvolvi, abbażi ta' suppożizzjonijiet kredibbli u prudenti, titjib tal-potenzjal tat-tkabbir u r-reżiljenza tal-ekonomija tal-Istat Membru kkonċernat b'mod sostenibbli;

(b) jappoġġa s-sostenibbiltà fiskali, b'titjib strutturali tal-finanzi tal-gvern fuq terminu medju, bħat-tnaqqis tal-proporzjon tan-nefqa tal-gvern mal-PDG jew iż-żieda tal-proporzjon tad-dħul tal-gvern mal-PDG;

(c) jindirizza l-prijoritajiet komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 13, il-punt (c);

(d) jindirizza r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat, inkluż, fejn applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa skont il-proċedura ta' żbilanċi makroekonomiċi;

(e) jiżgura li l-livell ġenerali ppjanat ta' investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali matul il-perjodu kopert mill-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ma jkunx aktar baxx mil-livell fuq terminu medju qabel dak il-perjodu, filwaqt li jitqiesu l-kamp ta' applikazzjoni u l-iskala tal-isfidi speċifiċi għall-pajjiż.

3. Kull wieħed mill-impenji ta’ riforma u ta’ investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament għandu jkun dettaljat biżżejjed, bil-quddiem, marbut biż-żmien u verifikabbli, u għandu jkun konformi mal-kriterji li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni tal-impenji ta’ riforma u investiment għandha tkun ċara u tippermetti lill-Kummissjoni tivvalutahom skont il-kriterji li jinsabu fil-paragrafu 2;

(b) ir-riformi għandhom jiġu implimentati fil-perjodu kopert mill-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju;

(c) għandu jinkiseb progress sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-investimenti sa tmiem il-perjodu ta’ aġġustament;

(d) id-deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għandha tinkludi indikaturi, fejn rilevanti, li jippermettu l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħhom.

4. Is-sett ta’ impenji ta’ riforma u investiment li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta’ aġġustament għandu jkun konsistenti mal-impenji inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza approvat tal-Istat Membru kkonċernat matul il-perjodu ta’ operat tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, skont ir-Regolament (UE) 2021/241, u l-Ftehim ta’ Sħubija maqbul taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali mal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 15*

*Pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut*

1. Sa mhux iktar tard minn tnax-il xahar qabel tmiem il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju attwali, Stat Membru jista' jitlob li jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut lill-Kummissjoni qabel tmiem il-perjodu kopert mill-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jekk ikun hemm ċirkostanzi oġġettivi li jipprevjenu l-implimentazzjoni tiegħuf'dak il-perjodu. F'dak il-każ, il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut għandu jkopri l-perjodu li jibqa' għaddej sa tmiem il-perjodu inizjali tal-pjan.

2. Fil-każ ta' gvern maħtur ġdid, Stat Membru jista' jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut li jkopri perjodu ġdid ta' erba' jew ħames snin skont it-terminu regolari tal-leġiżlatura tiegħu.

3. Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti toħroġ opinjoni dwar it-tbassir makroekonomiku u s-suppożizzjonijiet makroekonomiċi li jirfdu l-perkors tan-nefqa netta , filwaqt li jipprovdi biżżejjed żmien biex l-istituzzjoni fiskali indipendenti tħejji l-opinjoni tagħha.

Minn ... [tmien snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-istituzzjonijiet fiskali indipendenti rilevanti għandhom joħorġu dawk l-opinjonijiet, dment li jkunu akkumulaw biżżejjed kapaċità. In-nuqqas minn istituzzjoni fiskali indipendenti li tagħti l-opinjoni tagħha fi żmien raġonevoli ma għandux jipprevjeni lil Stat Membru milli jippreżenta l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut tiegħu. Jekk tkun disponibbli, l-opinjoni tal-istituzzjoni fiskali indipendenti għandha tinhemeż mal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut ippreżentat lill-Kummissjoni.

4. Għall-finijiet tat-tħejjija tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafi 1 jew 2, il-Kummissjoni għandha tibgħat lil dak l-Istat Membru u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju trajettorja referenzjarja ġdida jew, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, informazzjoni teknika ġdida.

5. Filwaqt li jitqies l-aġġustament tal-passat tal-Istat Membru kkonċernat jew in-nuqqas tiegħu, it-trajettorja referenzjarja l-ġdida ma għandhiex tipposponi l-isforz ta' aġġustament fiskali li bħala regola ma għandhiex twassal għal sforz ta' aġġustament fiskali inqas.

6. Jekk jiġi ppreżentat pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut, għandhom japplikaw l-Artikoli 12, 13, 14 u 16 sa 20.

7. Meta applikabbli, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari, jekk kwalunkwe estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għandhiex tapplika jew tkompli tapplika skont il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tqis l-implimentazzjoni tas-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu l-estensjoni skont il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju oriġinali u l-bidliet f'termini ta' sfidi ta' dejn pubbliku skont il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut.

*Artikolu 16*

*Valutazzjoni tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kull pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju fi żmien sitt ġimgħat mill-preżentazzjoni tiegħu. L-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li jestendu dak il-perjodu, jekk ikun meħtieġ, bħala regola, għal mhux aktar minn ġimagħtejn.

2. Meta tivvaluta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha teżamina għal kull Stat Membru jekk il-perkors tan-nefqa netta jikkonformax mar-rekwiżiti biex id-dejn tal-gvern estiż jitpoġġa jew jinżamm fuq perkors plawżibbli 'l isfel sa tmiem il-perjodu ta' aġġustament, jew jibqa' f'livelli prudenti taħt is-60 % tal-PDG, u d-defiċit tal-gvern jinġieb u jinżamm taħt it-3 % tal-PDG fuq terminu medju;

3. Meta tivvaluta l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, il-Kummissjoni għandha teżamina għall-Istati Membri li jkunu rċevew trajettorja referenzjarja ta' jekk il-perkors tan-nefqa netta tagħhom jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 7 u 8.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina għall-Istati Membri kollha jekk il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tagħhom jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13.

5. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk, fir-rigward tal-Istat Membru kkonċernat, is-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament jikkonformax mal-Artikolu 14.

*Artikolu 17*

*Approvazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju mill-Kunsill*

1. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-perkors tan-nefqa netta tal-Istat Membru kkonċernat u, fejn applikabbli, japprova s-sett ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament inkluż fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju. Dik ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għandha, bħala regola, tiġi adottata fi żmien ***sitt*** ġimgħat mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

2. Meta l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jservi bħala l-pjan ta' azzjoni korrettiva meħtieġ għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, kif previst fl-Artikolu 31, il-Kunsill għandu japprova wkoll fir-rakkomandazzjoni tiegħu r-riformi u l-investiment meħtieġa biex jiġu kkoreġuti dawk l-iżbilanċi.

*Artikolu 18*

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut*

Meta jqis li l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 16(2), (3) u (5), b'kont meħud tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jirrakkomanda li l-Istat Membru kkonċernat jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut.

*Artikolu 19*

*Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'każ ta' nuqqas ta' konformità minn Stat Membru*

Il-Kunsill għandu, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jirrakkomanda lill-Istat Membru kkonċernat li t-trajettorja referenzjarja maħruġa mill-Kummissjoni tkun bħala regola l-perkors tan-nefqa netta tal-Istat Membru meta:

(a) l-Istat Membru kkonċernat jonqos milli jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut fi żmien xahar mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 18;

(b) il-Kunsill iqis li l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16(2), (3) u (5), b'ġustifikazzjoni dovuta tal-pożizzjoni tiegħu;

(c) l-Istat Membru jonqos milli jippreżenta l-ewwel pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tiegħu jew pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ġdid fl-aħħar sena koperta mill-pjan strutturali nazzjonali fuq terminu medju li għaddej, f'konformità mal-Artikolu 11(1).

Fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni jistgħu jaqblu li, bħala regola, jestendu dik l-iskadenza għal mhux aktar minn xahar.

*Artikolu 20*

*Nuqqas ta' konformità minn Stat Membru mal-impenji ta' investimenti u riformi li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament tiegħu*

Meta Stat Membru jkun ingħata estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament tiegħu iżda jonqos milli jikkonforma b'mod sodisfaċenti mas-sett tiegħu ta' impenji ta' riforma u ta' investiment li jirfdu l-estensjoni msemmija fl-Artikolu 14, il-Kunsill jista', fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u f'konformità mal-Artikolu 29, jirrakkomanda perkors tan-nefqa netta rivedut b'perjodu ta' aġġustament iqsar, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi oġġettivi li jipprevjenu l-implimentazzjoni sal-iskadenza inizjali.

# Kapitolu V
# Implimentazzjoni
# tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju

*Artikolu 21*

*Rapport ta' progress annwali*

1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport ta' progress annwali, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena.

2. Ir-rapport ta' progress annwali għandu jinkludi b'mod partikolari informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill, l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti usa' fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u, fejn applikabbli, fl-implimentazzjoni tas-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament.

3. Kull Stat Membru għandu jagħmel ir-rapport ta' progress annwali tiegħu pubbliku.

4. Il-Kummissjoni għandha tuża l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti ta' progress annwali tagħhom, flimkien ma' informazzjoni rilevanti oħra, għall-fini tat-twettiq tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1). Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tiġi ppubblikata.

5. L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-oqfsa legali nazzjonali tagħhom, jiddiskutu r-rapport ta' progress fil-parlamenti nazzjonali tagħhom u mas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.

*Artikolu 22*

*Monitoraġġ mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, u b'mod partikolari, il-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill u r-riformi u l-investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kont ta' kontroll biex iżżomm rendikont tad-devjazzjonijiet kumulattivi 'l fuq u 'l isfel tan-nefqa netta osservata mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill, li għandu jiġi stabbilit mill-ġdid wara l-approvazzjoni mill-Kunsill ta' pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ġdid.

3. Il-kont ta' kontroll għandu jirreġistra debitu meta n-nefqa netta osservata fl-Istat Membru kkonċernat f'sena partikolari tkun ogħla mill-perkors ta' nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill.

4. Il-kont ta' kontroll għandu jirreġistra kreditu meta n-nefqa netta osservata fl-Istat Membru kkonċernat f'sena partikolari tkun inqas mill-perkors ta' nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill.

5. Il-bilanċ akkumulat tal-kont ta' kontroll għandu jkun is-somma tad-debiti u l-krediti annwali msemmija fil-paragrafi 3 u 4. Dan għandu jiġi espress f'perċentwal tal-PDG.

6. Id-debiti u l-krediti għandhom jiġu rreġistrati kull sena abbażi tad-*data* tal-eżitu.

7. Meta l-Kunsill ikun adotta rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 25 jew 26, il-kont ta' kontroll tal-Istat Membru kkonċernat ma għandux jirreġistra devjazzjonijiet.

*Artikolu 23*

*Rwol tal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti*

1. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 2011/85/UE biex tipprovdi valutazzjoni tal-konformità tad-*data* dwar l-eżiti tal-baġit irrapportata fir-rapport ta' progress annwali mal-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill.

2. Meta jkun applikabbli, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-istituzzjoni fiskali indipendenti rilevanti biex tanalizza l-fatturi sottostanti għal devjazzjoni mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill. Tali analiżi ma għandhiex tkun vinkolanti u għandha tkun addizzjonali għal dik ipprovduta mill-Kummissjoni.

*Artikolu 24*

*Il-Bord Fiskali Ewropew*

1. Il-Bord Fiskali Ewropew stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937[23] għandu jagħti pariri għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill fis-sorveljanza fiskali multilaterali stipulata fl-Artikoli 121, 126 u 136 TFUE.

---

23 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1937 tal-21 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi Bord Fiskali Ewropew konsultattiv indipendenti (ĠU L 282, 28.10.2015, p. 37).

2. Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, il-Bord Fiskali Ewropew għandu jgawdi indipendenza sħiħa fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, filwaqt li jwettaq dmirijietu b'mod imparzjali u biss fl-interess tal-Unjoni kollha kemm hi. La għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn xi gvern ta Stat Membru, istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni jew minn xi korp pubbliku jew privat ieħor.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-kompiti tal-Bord Fiskali Ewropew għandhom jinkludu:

(a) il-forniment ta' evalwazzjoni ex post f'waqtha tal-implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza fiskali tal-Unjoni;

(b) l-għoti ta' pariri dwar il-pożizzjoni fiskali prospettiva xierqa għaż-żona tal-euro kollha kemm hi, kif ukoll dwar il-pożizzjonijiet fiskali nazzjonali xierqa li huma konsistenti miegħu skont ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;

(c) l-għoti ta' pariri, fuq talba tal-Kummissjoni jew tal-Kunsill, dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, inkluż dwar l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali f'konformità mal-Artikolu 25(3) ta' dan ir-Regolament;

(d) il-kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet fiskali indipendenti kif imsemmi fl-Artikolu 8a tad-Direttiva 2011/85/UE, bil-ħsieb li jiġu promossi l-iskambji tal-aħjar prattiċi;

(e) l-għoti ta' suġġerimenti għall-evoluzzjoni futura tal-qafas fiskali.

4. Il-Bord Fiskali Ewropew għandu jkun magħmul minn President u erba' Membri.

5. Il-President u l-Membri tal-Bord Fiskali Ewropew għandhom jintgħażlu u jinħatru mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill, wara proċess trasparenti u abbażi ta' esperjenza analitika u kompetenzi ppruvati fl-analiżi tal-finanzi pubbliċi u l-makroekonomija. Il-President u l-Membri tal-Bord Fiskali Ewropew għandhom jinħatru għal perjodu ta' tliet snin bil-possibbiltà ta' tiġdid wieħed għal perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

6. Il-Bord Fiskali Ewropew għandu jistabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess.

7. Il-Bord Fiskali Ewropew għandu jirrapporta darba fis-sena dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Ir-rapporti u l-pariri kollha tal-Bord Fiskali Ewropew għandhom isiru pubbliċi.

*Artikolu 25*

*Klawżola liberatorja ġenerali*

1. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni abbażi tal-analiżi tagħha, il-Kunsill jista', bħala regola fi żmien erba' ġimgħat, jadotta rakkomandazzjoni li tippermetti lill-Istati Membri jiddevjaw mill-perkors tan-nefqa netta tagħhom kif stabbilit mill-Kunsill, f'każ ta' reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi, sakemm dan ma jkunx ta' periklu għas-sostenibbiltà fiskali fuq it-terminu medju. Il-Kunsill għandu jispeċifika limitu ta' żmien ta' sena għal tali devjazzjoni.

2. Sakemm tippersisti r-reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi, il-Kummissjoni għandha tkompli timmonitorja s-sostenibbiltà tad-dejn u tiżgura l-koordinazzjoni tal-politika u taħlita ta' politika konsistenti li tqis iż-żona tal-euro u d-dimensjoni tal-Unjoni.

3. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jestendi l-perjodu li matulu l-Istati Membri jistgħu jiddevjaw mill-perkorsi tan-nefqa netta tagħhom kif stabbilit mill-Kunsill, dment li tippersisti r-reċessjoni ekonomika severa fiż-żona tal-euro jew fl-Unjoni kollha kemm hi. *Il-Bord Fiskali Ewropew għandu jagħti opinjoni dwar l-estensjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali.* Estensjoni tista' tingħata aktar minn darba. Madankollu, kull estensjoni għandha tkun għal perjodu addizzjonali ta' mhux aktar minn sena.

*Artikolu 26*

*Klawżoli liberatorji nazzjonali*

1. Wara talba minn Stat Membru u fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni abbażi tal-analiżi tagħha, fi żmien erba' ġimgħat mir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jadotta rakkomandazzjoni li tippermetti lil Stat Membru jiddevja mill-perkors tan-nefqa netta tiegħu kif stabbilit mill-Kunsill fejn ċirkostanzi eċċezzjonali barra mill-kontroll tal-Istat Membru jkollhom impatt kbir fuq il-finanzi pubbliċi tal-Istat Membru kkonċernat, dment li tali devjazzjoni ma tkunx ta' periklu għas-sostenibbiltà fiskali fuq it-terminu medju. Il-Kunsill għandu jispeċifika limitu ta' żmien għal tali devjazzjoni.

2. Wara talba mill-Istat Membru kkonċernat u fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jestendi l-perjodu li matulu dak l-Istat Membru jista' jiddevja mill-perkors tan-nefqa netta kif stabbilit mill-Kunsill, sakemm iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jippersistu. Estensjoni tista' tingħata aktar minn darba. Madankollu, kull estensjoni għandha tkun għal perjodu addizzjonali ta' mhux aktar minn sena.

# Kapitolu VI

# Trasparenza u responsabbiltà

*Artikolu 27*

*Rwol tal-Parlament Ewropew*

1. Il-Parlament Ewropew għandu jkun involut b'mod regolari u strutturat fis-Semestru Ewropew sabiex jiżdiedu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u s-sjieda għad-deċiżjonijiet meħuda, b'mod partikolari permezz tad-djalogu ekonomiku msemmi fl-Artikolu 28.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ppreżentati mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew bil-valutazzjoni ġenerali tagħha ta' dawk il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista', permezz tad-djalogu ekonomiku msemmi fl-Artikolu 28, jitlob lill-Kummissjoni tidher quddiemu. F'okkażjonijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tiġi mistiedna tippreżenta l-valutazzjoni tagħha tal-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju.

3. Il-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw regolarment lill-Parlament Ewropew bir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali skont dan ir-Regolament.

4. Il-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jinkludu fir-rapport tagħhom lill-Parlament Ewropew ir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali mwettqa skont dan ir-Regolament.

5. Il-President tal-Grupp tal-Euro għandu jirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew dwar l-iżviluppi fil-qasam tas-sorveljanza multilaterali li jappartjenu għaż-żona tal-euro.

6. Il-Kummissjoni għandha tħejji u tibgħat lill-Kunsill tal-inqas l-informazzjoni li ġejja u tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Parlament Ewropew mingħajr dewmien żejjed:

(a) il-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà tad-dejn u l-qafas metodoloġiku tiegħu, ladarba jkunu ppubblikati;

(b) il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ppreżentati mill-Istati Membri, inkluż it-trajettorji referenzjarji u l-perkorsi tan-nefqa netta, u kwalunkwe reviżjoni tagħhom;

(c) ir-rapporti ta' progress annwali ppreżentati mill-Istati Membri;

(d) il-valutazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Kunsill skont l-Artikoli 17 sa 20 ta' dan ir-Regolament;

(e) fejn rilevanti, l-analiżi tal-Kummissjoni tal-iżviluppi ekonomiċi u soċjali ppubblikati bħala parti mis-Semestru Ewropew;

(f) it-twissijiet tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 121(4) TFUE;

(g) fil-każ ta' attivazzjoni tal-klawżoli liberatorji skont l-Artikolu 25 jew 26 ta' dan ir-Regolament, l-analiżi tal-Kummissjoni li tistabbilixxi li s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju mhux ser tiġi pperikolata.

7. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni mill-inqas darbtejn f'sena biex tipprovdi informazzjoni dwar ir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali fid-djalogu ekonomiku msemmi fl-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 28*

*Djalogu ekonomiku*

1. Sabiex jissaħħaħ id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-President tal-Kunsill, lill-Kummissjoni u, fejn ikun xieraq, lill-President tal-Kunsill Ewropew jew lill-President tal-Grupp tal-Euro biex jidhru quddiem il-Parlament Ewropew sabiex jiddiskutu l-gwida ta' politika maħruġa mill-Kummissjoni għall-Istati Membri, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u r-riżultati tas-sorveljanza multilaterali skont dan ir-Regolament.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għandhom jiġu kkonsultati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fejn ikun xieraq.

3. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti, b’mod partikolari l-parlamenti nazzjonali u s-sħab soċjali, għandhom ikunu involuti, fejn ikun xieraq, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew dwar il-kwistjonijiet ta’ politika ewlenija, f’konformità mad-dispożizzjonijiet TFUE u mal-arranġamenti legali u politiċi nazzjonali.

4. Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista’ jistieden lill-President tal-Kunsill, lill-Kummissjoni, u, fejn xieraq, lill-President tal-Kunsill Ewropew jew lill-President tal-Grupp tal-Euro biex jiddiskutu l-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, kif ukoll l-informazzjoni l-oħra elenkata fl-Artikolu 27(6).

5. Il-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 121(5) TFUE, u, fejn ikun xieraq, il-President tal-Grupp tal-Euro, għandhom jirrapportaw kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Ewropew dwar ir-riżultati tas-sorveljanza multilaterali.

*Artikolu 29*

*Regola "ikkonforma jew spjega"*

Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament.

*Artikolu 30*

*Djalogu ma' Stat Membru*

Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lil Stat Membru li jkun indirizzat minn rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 121(4) TFUE li jipparteċipa fl-iskambju tal-opinjonijiet.

# Kapitolu VII

# Interazzjoni mar-regolament (ue) Nru 1176/2011

*Artikolu 31*

*Interazzjoni mal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku*

1. L-implimentazzjoni mhux sodisfaċenti, kif ivvalutata f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament, tar-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Stat Membru, li huma rilevanti għall-iżbilanċi makroekonomiċi, għandhom jiġu kkunsidrati:

   (a) mill-Kummissjoni meta twettaq rieżamijiet fil-fond f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011; u

   (b) mill-Kunsill, u l-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet rispettivi tagħhom, meta jikkunsidraw jekk jistabbilux l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv u jirrakkomandaw li l-Istat Membru kkonċernat jieħu azzjoni korrettiva f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

   Il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe informazzjoni li l-Istat Membru kkonċernat iqis rilevanti.

2. L-Istat Membru li fir-rigward tiegħu tinfetaħ proċedura ta' żbilanċ eċċessiv f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, għandu jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament. Dak il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut għandu jsegwi r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill adottata f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011. Il-preżentazzjoni tal-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 17 sa 20 ta' dan ir-Regolament. Il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut għandu jiġi vvalutat f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

3. Meta Stat Membru jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dak il-pjan rivedut għandu jservi bħala l-pjan ta' azzjoni korrettiva meħtieġ skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 u għandu jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' politika speċifiċi li dak l-Istat Membru jkun implimenta jew li jkun beħsiebu jimplimenta u għandu jinkludi skeda ta' żmien għal dawk l-azzjonijiet.

4. Il-Kunsill għandu, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni, jivvaluta l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju rivedut fi żmien xahrejn mill-preżentazzjoni tiegħu. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan rivedut għandhom isiru f'konformità mal-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011.

# Kapitolu VIII

# Interazzjoni mar-regolament (UE) Nru 472/2013

*Artikolu 32*

*Interazzjoni mal-proċedura ta' sorveljanza msaħħa*

1. B'deroga mill-Artikoli 11 u 21 ta' dan ir-Regolament, Stat Membru ma għandux ikun meħtieġ jippreżenta pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju jew rapport ta' progress annwali, meta huwa jkun soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] .

2. Meta Stat Membru jkollu pjan fiskali-strutturali nazzjonali attiv fuq terminu medju, u dak l-Istat Membru jsir soġġett għal programm ta' aġġustament makroekonomiku skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, dak il-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju għandu jitqies fit-tfassil tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku.

---

24 Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1).

# Kapitolu IX
# Dispożizzjonijiet komuni

*Artikolu 33*

*Djalogu mal-Istati Membri*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura djalogu kontinwu mal-Istati Membri. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, twettaq missjonijiet għall-fini tal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni soċjoekonomika fl-Istat Membru kkonċernat u għall-identifikazzjoni ta' kwalunkwe riskju jew diffikultà ta' konformità ma' dan ir-Regolament. Għall-finijiet ta' dak id-djalogu, il-Kummissjoni tista' titlob il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti bbażati fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 34*

*Missjonijiet ta' monitoraġġ*

1. Il-Kummissjoni tista' twettaq missjonijiet ta' monitoraġġ fl-Istati Membri li jkunu soġġetti għal rakkomandazzjonijiet maħruġa skont l-Artikolu 121(4) TFUE.

2. Meta l-Istat Membru kkonċernat ikun Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro jew Stat Membru li jipparteċipa fil-Mekkaniżmu Ewropew tar-Rati tal-Kambju fit-tielet stadju ta' unjoni ekonomika u monetarja (ERM II) kif stabbilit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Ġunju 1997[25], il-Kummissjoni tista', fejn ikun xieraq, tistieden lil rappreżentanti tal-Bank Ċentrali Ewropew biex jieħdu sehem f'dawk il-missjonijiet ta' monitoraġġ.

---

[25] ĠU C 236, 2.8.1997, p. 5.

*Artikolu 35*

*Rapport*

1. Sal- 31 ta' Diċembru 2030 , u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat minn proposta għall-emendar ta' dan ir-Regolament, fejn ikun xieraq.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jirrieżamina:

   (a) l-effettività ta' dan ir-Regolament fil-kisba tal-objettivi tiegħu kif stipulati fl-Artikolu 1;

   (b) il-progress li jkun sar sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni iktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi u tal-konverġenza sostnuta tal-prestazzjonijiet ekonomiċi tal-Istati Membri.

3. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 36*

*Dispożizzjonijiet tranżitorji*

1. Għall-ewwel pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

   (a) b'deroga mill-Artikolu 9(1), il-Kummissjoni għandha tibgħat gwida minn qabel lill-Istati Membri kkonċernati sal-21 ta' Ġunju 2024 abbażi tal-aħħar tbassir tal-Kummissjoni, u l-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjanijiet fiskali-strutturali nazzjonali tagħhom fuq terminu medju sal-20 ta' Settembru 2024, f'konformità mal-Artikolu 11, sakemm l-Istat Membru u l-Kummissjoni ma jaqblux li jestendu dik l-iskadenza b'perjodu raġonevoli.

(b) b'deroga mill-Artikolu 9(2), l-Istati Membri jistgħu jitolbu skambju tekniku mal-Kummissjoni matul ix-xahar qabel il-21 ta' Ġunju 2024;

(c) b'deroga mill-Artikolu 11(3), l-Istati Membri jistgħu jwettqu konsultazzjoni pubblika mas-sħab soċjali, l-awtoritajiet reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati nazzjonali rilevanti oħra skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 11, bi skadenzi xierqa;

(d) matul il-perjodu ta' operat tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-impenji inklużi fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza approvat tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jitqiesu għal estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament f'konformità mal-Artikolu 14, dment li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkun fih riformi u investimenti sinifikanti mmirati lejn it-titjib tas-sostenibbiltà fiskali u t-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomija, u dment li l-Istat Membru kkonċernat jimpenja ruħu li jkompli l-isforz ta' riforma matul il-bqija tal-perjodu kopert mill-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju, kif ukoll li jżomm il-livelli ta' investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali realizzati bħala medja matul il-perjodu kopert mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza;

(e) meta Stat Membru jitlob eċċezzjoni għas-salvagwardja mingħajr posponiment imsemmija fl-Artikolu 6, il-punt (c), il-proġetti appoġġati minn self mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll il-kofinanzjament nazzjonali ta’ programmi ffinanzjati mill-Unjoni fl-2025 u fl-2026 għandhom jitqiesu, dment li tali eċċezzjoni ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju;

(f) filwaqt li jirrikonoxxu l-impatt eċċezzjonali ta’ xokkijiet ekonomiċi reċenti u l-inċertezza attwali fuq stimi ta’ tkabbir potenzjali, l-Istati Membri jistgħu jużaw serje aktar stabbli minn dawk li jirriżultaw mill-metodoloġija maqbula b’mod komuni, dment li tali użu jkun ġustifikat kif xieraq b’argumenti ekonomiċi u dment li t-tkabbir akkumulat matul il-perjodu ta’ projezzjoni jibqa’ ġeneralment konformi mar-riżultati ta’ dik il-metodoloġija.

2. Sal-31 ta’ Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill is-sejbiet preliminari tagħha dwar l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 37*

*Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1466/97*

Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 huwa mħassar.

*Artikolu 38*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |